

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

10.12.2007

0116/2007

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Urszula Krupa

dwar ir-rispett lejn id-dinjità tal-bniedem u l-etika ġurnalistika fl-Unjoni  
Ewropea

Data ta' skadenza: 26.3.2008

0116/2007

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar ir-rispett lejn id-dinjità tal-bniedem u l-etika ġurnalistika fl-Unjoni Ewropea**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - A. billi l-libertà tal-kelma u tal-moviment huma drittijiet fundamentali tal-bniedem, kif ukoll valuri Ewropej,
  - B. wara li kkunsidra l-inċident reċenti li seħħ fuq titjira fit-tul, meta Membru tal-Parlament Ewropew u qassis magħruf Pollakk ġew trattati b'manjiera maledukata u aggressiva minn ġurnalisti ta' stazzjon televiżiv kummerċjali li b'xi mod akkwistaw informazzjoni dwar it-titjira u d-destinazzjoni tagħhom,
  - C. billi l-etika ġurnalistika u r-rispett lejn ix-xewqat ta' persuna meta tintalab tiġi intervistata għandhom ikunu fiċ-ċentru tal-kodiċi ta' kondotta ġurnalistika,
1. Jistieden lill-ġurnalisti sabiex juru rispett ġenwin lejn id-drittijiet u x-xewqat ta' l-individwi u lejn id-dritt tagħhom li jirrifjutaw jew jaċċettaw li jiġu intervistati;
  2. Jistieden lill-ġurnalisti sabiex jikkonformaw mal-liġi li tipprojbixxi ċerti prattiki ġurnalistiċi, partikularment il-fastidju u l-użu ta' pressjoni psikoloġika, speċjalment fuq mezzi pubbliċi ta' trasport bħalma huma l-ajruplani, meta l-persuna ma tagħtix il-kunsens tagħha biex tiġi intervistata;
  3. Jitlob li l-fastidju u l-pressjoni psikoloġika jiġu rikonoxxuti bħala prattiki li jgħolqu stress b'tali mod li huma ta' theddida għas-sikurezza u l-benessri fiżiku u mentali u jitlob li d-dinjità umana tiġi rispettata b'konformità ma' l-istandards Ewropej;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-parlamenti u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-assoċjazzjonijiet tal-ġurnalisti u lill-istazzjonijiet televiżivi, inklużi l-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti Polakki, il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ġurnalisti, l-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti Ewropej (AEJ) u ċ-Ċentru għall-Ġurnaliżmu Ewropew (EJC).